**Laqgha Numru 28/K6/2012**

**Introduzzjoni**

It-Tmienja u Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar l-Erbgħa 19 ta' Settembru 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Lauro Fava ***(li wasal fis-6.15pm)***, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-11 ta' Settembru 2012. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 27/K6/2012.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 27/K6/2012.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Kwotazzjoni 30/2011.**

**10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**11. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 27/K6/2012.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 27/K6/2012 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjeniet.

1.04. Il-Minuti gew approvata.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 27/K6/2012.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-affarijiet li ghad fadal pendenti qed tittiehed azzjoni fuqhom.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 090/2012** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghall-kwotazzjonijiet 06 sa 17 u 26 sa 43/2012 **(Ara Dok A); Internal Memo 091/2012** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 27/K6/2012 u 28/K6/2012 **(Ara Dok B); Internal Memo 092/2012** b'rapport ta' laqghat li saru bejn laqgha 27/K6/2012 u 28/K6/2012 **(Ara Dok C)** u Flyer dwar Vaccin dwar l-influwenza **(Ara Dok D).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3.

4.02. Wara li ntalab u nghata l-permess tas-Sindku Joe Zammit, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghamel riferenza ghat-talba li s-Sindku Joe Zammit ghamel lill-kumpanija Absolute Cleaners biex jipprovdu stima ghat-tindif tal-gonna wara li l-istess kumpanija fil-laqgha precedenti tal-Kunsill kienet talbet li tirrinunzja mill-kuntratt minhabba nuqqas ta' rizorsi, talba li giet accettata mill-Kunsill u fil-fatt inhargu offerti godda. Il-kelliem informa lill-Kunsill li fid-dawl ta' dan u sakemm jigi konkluz it-tender li l-pubblikazzjoni tieghu taghlaq fl-1 ta' Ottubru 2012, u wara konsultazzjoni mas-sur Chris Costa li huwa persuna assenjata mill-ETC mal-Kunsill biex taghmel xoghol fil-lokal, fid-dawl li Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta jinsab fil-vicinanza ta' l-iskola primarja, liema skola ser terga' tibda fil-jiem li gejja, huwa baghat lis-sur Costa biex inaddaf il-gnien minn xi skart (plastic, landi u hgieg) li seta' gie mormi minn xi nies, kif ukoll biex jinghata kinsa. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet sabet oggezzjoni ghal dan u tat struzzjonijiet lis-sur Costa biex ma jkompliex dak li kien qed jaghmel fejn akkuzat lis-Segretarju Ezekuttiv li bl-azzjoni tieghu kien qed jisfruttah u jwaqqalu d-dinjita' tieghu.

4.03. Waqt il-kummenti tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat oggezzjonat li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jressaq il-kummenti huwa izda rrimarkat li dawn il-kummenti kellha tressaqhom hija bhala membru tal-Kunsill u mhux is-Segretarju Ezekuttiv.

4.04. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-kummenti kienu qed jitressqu mis-Segretarju Ezekuttiv wara li t-talba tieghu giet milqugha. Il-kelliem irrimarka li huwa kien ukoll jaqbel ma' dan ghax dak li sar kien fl-interess tal-Kunsill

4.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li x-xoghol tat-tindif tal-gonna m'huwiex xoghol tas-sur Chris Costa. Il-kelliema rrimarkat li hija taf fejn ghandha tirraporta u specifikat li l-GWU ghandha tqum fuq saqajha dwar dan li hija sejhitlu bhala abbuz. Il-kelliema rrimarkat ukoll li l-kuntrattur kien qed jithallas il-mijiet t'Ewro fix-xahar biex jaghmel dan ix-xoghol filwaqt li s-sur Costa qed jithallas mizerja mill-ETC u ghalhekk insistiet li dan huwa sfruttament tal-haddiem.

4.06. Is-Sindku Joe Zammit rega' irrimarka li huwa bhala Sindku jaqbel ma' dak li ghamel is-Segretarju Ezekuttiv u ghalhekk talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jikkonferma ma' l-ETC jekk dan ix-xoghol jistax isir provisorjament mis-sur Costa sakemm il-Kunsill jaghzel kuntrattur gdid.

4.07. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien ikkomunika verbalment mas-sur Guido Zammit ta' l-ETC fejn dan infurmah li dan ix-xoghol jista' jsir ladarba l-Kunsill m'gandux kuntratt ma' xi entita'.

4.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat regghet irrimarkat li hija ser tirraporta lill-awtoritajiet li l-Kunsill qed jaghmel sfruttament mill-haddiema. Il-kelliema nsistiet mas-Segretarju Ezekuttiv biex taghmel kommunikat hija personalment mas-sur Guido Zammit ta' l-ETC fuq dan.

4.09. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li ma kinex lest li jithalla jakkumula l-hmieg fil-gonna sakemm jintghazel kuntrattur gdid u talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jikseb minghand l-ETC kjarifika bil-miktub ta' dak li stqarrlu permezz tat-telefone is-sur Gwido Zammit biex jikkonferma jekk dan jistax isir. Il-kelliem irrimarka li ladarba l-Kunsill ikollu bil-miktub, decizjoni li dan ix-xoghol jista' isir mis-sur Costa allura ghandha tittiehed azzjoni biex isir it-tindif fl-ewwel opportunita' ta' laqgha li jkollu l-Kunsill, liema data taf tkun nhar l-1 ta' Ottubru 2012 meta ser jiltaqghu l-membri tal-Kunsill biex jinfethu t-tender 01/2012.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-21 ta' Awwissu u d-19 ta' Settembru 2012 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/5624/12/I**<br>27/07/2012 | Email minghand il-J&K Contractors fejn b'riferenza ghax-xoghol li nbeda madwar Juno Flats informa lill-Kunsill li gie nnutat li l-bini ta' hajt singlu mhux ser ikun b'sahhtu biex izomm l-hamrija li hemm warajh u talab biex issir spezzjoni mill-Perit tal-Kunsill u jinghata struzzjoni x'ghandu jsir. |
| **46/5647/12/I**<br>30/07/2012 | Email minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn b'riferenza ghall-hajt li qed jirrenga l-kuntrattur J&K Contractors fejn Juno Flats, informa lill-Kunsill li minn spezzjoni li ghamel qed jirrakomanda li ssir bazi tal-konkos u l-hajt isir dobblu u mhux singlu. |
| **46/5707/12/I**<br>01/08/2012 | Email minghand il-J&K Contractors fejn b'riferenza ghax-xoghol li jrid isir madwar Juno informa lill-Kunsill li l-hajt li jrid jinbena jrid ikun dobblu u jimtela' bil-konkos u baghat kwotazzjoni taghha. |

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5624/12/I, 46/5647/12/I u 46/5707/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li la darba x-xoghol biex isir sew skond il-parir tal-Perit, dan ghandu jsir dobblu, il-Kunsill ghandu japprova l-istima gdida.

6.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

6.05. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/5648/12/I** 30/07/2012 — Email minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn b'riferenza ghall-kwotazzjoni ghax-xoghol ta' tnehhija u livellar tal-munzelli tal-hamrija li ntefghu fil-gnien f'San Patrizju nforma lill-Kunsill li jidher li l-kuntrattur ser jithallas fuq l-ammont ta' granet li ser iqatta' jahdem fuq is-sit u nforma lill-Kunsill li l-hlas mitlub fuq il-kiri tal-makkinarju u l-haddiema huwa ragonevoli.

6.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5648/12/I** il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li la darba issa l-Kunsill ghandu l-parir tal-Perit, li dak mitlub mil-kuntrattur huwa ragjonevoli, ghandha tinhareg il-works order biex isir ix-xoghol.

6.07. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet kemm hija l-ispiza nvoluta.

6.09. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li jekk jiftakar sewwa l-ispiza hija ta' xi madwar €800.00, liema spiza kienet diga giet diskussa u approvata mil-Kunsill f'laqghat precedenti. Fuq talba tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat il-kelliem fittex il-kwotazzjoni izda ma kienetx mal-korrispondenza prezentata minhabba li kienet aktar antika u kient diga giet esebit fil-laqghat precedenti.

6.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5698/12/I** 01/08/2012 — Ittra minghand Joseph Persiano fejn talab il-permess tal-Kunsill biex ihaffer quddiem il-propjeta' tieghu fi Triq Ferdinand Gregh, bejn il-hajt u l-bankina, sabiex ikahhal il-fili u jitwahhal il-membrane minhabba li qed jidhol l-ilma. Informa l-Kunsill li kif isir ix-xoghol jerga' jsir il-wicc tal-bankina.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5698/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghat-talba ta' dan ir-resident kif ukoll li ghandu jigi nfurmat li ghas-spejjez tieghu ser issir spezzjoni mill-Perit tal-Kunsill. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jitlob stima minghand il-Perit ta' kemm hija biex issir spezzjoni qabel u wara x-xoghol halli tkun tista' tintbaghat lir-resident.

6.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5699/12/I** 01/08/2012 — Ittra minghand id-Dipartiment tal-Kuntratti fejn b'riferenza ghall-oggezzjoni li saret mill-avukat Emanuel Mallia & Associates f'isem Mary Mazzitelli dwar Tender 08/2011 u ghall-email tal-Kunsill informaw lill-Kunsill li l-bord qed jirrakomanda li d-depozitu li kien sar mill-appellant, ladarba l-appell gie rifjutat, ghandu jinghata lura.

6.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5699/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-flus ta' l-appell ghandhom jinghataw lura kif irrakkomanda l-Bord.

6.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5706/12/I** 01/08/2012 — Email minghand Emcare 360 Ltd fejn infurmaw lill-Kunsill b'talks li jixtieq li jigu organizzati gewwa l-Kunsill dwar 'maintaining a healthy life style'.

6.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5706/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaccetta din l-offerta u jsiru dawn it-tahdidiet kif ukoll li jsir fuljett biex jitqassam fid-djar kollha tal-lokal.

6.18. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5722/12/I** 01/08/2012 Email minghand l-AKL fejn baghtu kopja ta' email rigward Disability Awarness fun day for Local Councils minghand Inspire fejn qed joffru gurnata ta' divertiment ghall-persuni b'dizabilita' gewwa l-bini taghhom.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5722/12/I** il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li l-Kunsill jaccetta din l-offerta u jsir flyer li jitqassam fid-djar kollha tal-lokal.

6.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5735/12/I** 02/08/2012 Email minghand il-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali fejn baghtu kopja ta' email li rcievew minghand Ms. Roberta Pecorella li toqghod Blk 10A Triq Pietru D'Armenia u talbu sabiex il-Kunsill jibghat xi feedback fuqu.

6.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5735/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien baghat risposta lil din is-sinjura fuq id-diversi lmenti li ghamlet.

**46/5745/12/I** 02/08/2012 Ittra minghand id-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn baghtu ftehim ghad-devoluzzjoni tal-Gnien ta' San Patrizju u talbu li jigi ffirmat fi tlett kopji u jintbaghtu lura.

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5745/12/I** il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li l-Kunsill jaccetta li jigi ffirmat il-kuntratt tad-devoluzzjoni tal-gnien b'kera ta' €250.00 fis-sena.

6.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5830/12/I** 07/08/2012 Email minghand s-sur Anton Attard fejn baghat reminder u nforma lill-Kunsill li t-tabella li kienet imwahhla ta' No U Turn fi Triq l-Imhallef William Harding inqalghet u talab biex terga' ssir.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5830/12/**I is-Sindku Joe Zammit ippropona li din it-tabella ghandha terga' ssir.

6.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5781/12/I** 03/08/2012 Email minghand il-GreenPak fejn baghtu kopja tal-1st Quarter Council Performance Report 2012 fejn fih rapporti ta' kemm sar riciklagg fil-lokal.

**46/6685/12/I** 17/092012 Email minghand il-GreenPak fejn baghtu t-tieni quarter report 2012.

**46/6708/12/I** 18/09/2012 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn talab sabiex l-email minghand il-GreenPak rigward it-2 quarter report tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5781/12/I, 46/6685/12/I u 46/6708/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan kien certifikat pozittiv ghal-lokal u

ghalhekk ippropona li ghandha ssir cirkulari u tintbaghat lir-residenti u mezzi tax-xandir.

6.31. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5880/12/I** 10/08/2012 Ittra minghand Ms. Lucienne Zammit fejn talbet biex jitnehhew is-sigar tal-Yucca li hemm imhawla fi Triq il-Profs Walter Ganado u Triq Pietru D'Armenia li jmissu ma' Blokk 9B minhabba li jaghmlu hsara lill-bini, u minflok jinzerghu sigar li ma jaghmlux hsara.

**46/5895/12/O** 11/08/2012 Email li ntbaghtet lill-Membri tal-Kunsill fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-CM staqsejna jekk hux ser jinqalghu s-sigar kollha tal-Yucca tal-madwar jew dawk ta' quddiem Blokk 9B biss.

6.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5880/12/I u 46/5895/12/O** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn is-sigar tal-yucca ghandhom jinqalghu minhabba li jikkawzaw hafna hsara strutturali.

6.34. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li r-residenti tal-lokal ghandhom jigu nfurmata biex ma jhawlux pjanti fil-pubbliku jekk mhux bil-permess tal-Kunsill. Il-kelliema rrakkomandat ukoll li mal-flyer ghandu jkun hemm speci ta' formola t'applikazzjoni ghal dawk ir-residenti li jixtiequ jhawwlu xi sigar u/jew pjanti.

6.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

***6.36. Il-Kunsillier Lauro Fava wasal fis-6.15 pm.***

**46/5883/12/I** 10/08/2012 Email minghand Billy minn Pasion Latina fejn informaw lill-Kunsill li ghandhom bzonn area fejn isir zfin ta' salsa u qed jistaqsi jekk jistghux juzaw il-gnien il-gdid li sar mill-MTA.

6.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5883/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jigu nfurmata li minhabba nkonvenjent lir-residenti l-Kunsill ma jistax johrog permess u kopja ghandha tintbaghat lill-MTA.

6.38. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5917/12/I** 13/08/2012 Email minghand Transport Malta fejn infurmaw lill-Kunsill li l-kwotazzjonijiet li talbu ricentament ma jinkludux xoghol ta' tiswija tal-hitan minhabba li qed isir komunikat mal-kuntrattur li bnihom (Bonnici Brothers) ghax ma nbnewx skond is-sengha u dwar l-belisha ser jinhargu l-kwotazzjonijiet necessarja.

6.40. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5917/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li TM ghandhom jigu nfurmata li l-Kunsill ghadu qed jinsisti li x-xoghol ta' coping isir bil-konkos kif ukoll li ghandu jitbaxxa l-hajt tad-dahla tal-Park & Ride. Il-kelliem ippropona wkoll li TM ghandhom jigu nfurmata li jekk ma jaghtux risposta pozittiva sal-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill ser jirriserva dritt li jaghmel Press Conference fuq il-post.

6.41. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5930/12/I** 14/08/2012 Email minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghall-parkegg riservat li hemm fi Triq Pietro Rossell informaw lill-Kunsill li ghandu jitnehha mill-

Kunsill, u ladarba jitnehha, ghandom jigu nfurmata.

6.43. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5930/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan ghandu jitnehha minn Koptasin u ghalhekk ghandha tohrog works order f’dan is-sens.

6.44. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6371/12/I** 31/08/2012 Email minghand Ms. Carmen Galea fejn talbet sabiex isir xi haga rigward is-sitwazzjoni li hemm bl-iskips in-naha ta’ Pietru D’Armenia minhabba li qed ikunu dejjem mimlija u qed ikun hemm wisq riha tinten u hija ssuggerit li l-ahjar haga hija li jitnehhew minhabba li anke jekk jizdiedu ma li hemm qatt m’huwa ser ikun hemm bizzejjed skips ghall-familji li hemm.

6.46. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6371/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din ghandha tigi nfurmata li l-Kunsill ma jaqbilx mat-talba taghha minhabba li dawn huma ghall-uzu tar-residenti ngenerali.

6.47. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li jekk jista’ jkun ghandu jkun hemm aktar sorveljanza.

6.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.49. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-Kunsill m’ghandux id-delega li jinstalla CCTV minhabba li l-infurzar jinsab ghand ir-Regjun. Il-kelliem fakkar li r-Regjun kien ghadu lanqas biss wiegeb ghat-talbiet tal-Kunsill.

6.50. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet kopja ta’ l-ittri li ntbghatu lir-Regjun dwar dan.

**46/6442/12/I** 05/09/2012 Ittra t'ilment minghand is-Sur Carmelo Mazzitelli dwar l-istat li jinsab fih il-lokal u kummenti ohra.

6.51. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6442/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li ser jara x’ilmenti hemm u jirriserva d-dritt li jirrispondi fuqha.

**46/6473/12/O** 05/09/2012 Email li l-Kunsill baghat lis-Sur Raphael Carabott fejn b'riferena ghal-laqgha li saret mieghu kif ukoll ghall-email li l-Kunsill ircieva minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, il-Kunsill talab sabiex b'effett immedjat ghandu jara li l-ilmenti kollha li jircievi l-Kunsill fuq diversi kuntratti jkunu ezegwita mmedjatament. Il-Kunsill infurmah ukoll li mhux ser ikunu accettati rapporti li ma jurux stampa cara tax-xoghol li jkun jew ma jkunx sar fil-lokal.

6.52. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6473/12/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.53. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien tal-parir li ghandha ssir laqgha ohra bejn mal-Contract Manager fil-prezenza tieghu u tal-membri kollha tal-Kunsill biex jigi ccarat darba ghal dejjem il-klwasoli kollha tal-kuntratti u dan minhabba li fatt li qed ikun hemm sitwazzjonijiet fejn numru ta’ Kunsilliera qed jilmentaw li x-xoghol mhux isir sewwa jew mhux skond il-kuntratt, isir tgergir fuq ic-certifikati u r-rakkomandazzjonijiet tal-Contrats mnaager izda fl-ahhar mill-ahhar il-kontijiet xorat wahda qed jithallsu fuq il-parir tal-Contracts manager jew fuq kif jiddeciedi l-Kunsill. Il-kelliem qal li huwa ma jistax ikun f’pozizjozni li jara jekk ix-xogol huwiex isir skond il-klawsloi kollha tal-kuntratt meta jezistu dawn id-

divergenzi kollha. Il-kelliem qal li huwa kien qed jirrakkomanda dan biex ma jibqax ikun hemm lok t'interpretazzjonijiet differenti.

6.54. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li ma tarax il-bzonn l'issir laqgha ohra ma dawk li diga saru meta fit-tenders hemm car u tond ta' dak li ghandu jigi ezegwit.

6.55. Wara diskussjoni li saret, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jitlob parir minghand l-Avukat dwar jekk il-Contracts Manager, abbazi tal-kuntratt iffirmat, jistax jithallas il-persentagg kollu mitlub immaterjalment jekk isir tnaqqis mill-kontijiet tal-kuntratturi jew le.

6.56. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.57. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.58. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jiftah kont bankarju mal-Bank BOV u dan sabiex jiffacilita' l-hlasijiet lill-membri tal-Kunsill li ghandhom servizzi ma' dan il-Bank biex il-pagamenti relatati jsiru permezz ta' Direct transfer fil-kontijiet bankarji taghhom jew b'cekkijiet.

6.59. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.61. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-membri tal-Kunsill kif jixtiequ l-pagamenti taghhom fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat talbu direct transfer BOV, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli permezz ta' cekk BOV, il-Kunsillier Lauro Fava (HSBC) u s-Sindku Joe Zammit qal li kull mezz huwa konvenjenti ghalih.

6.62. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tigi sospiza l-agenda biex tigi diskussa item 10 qabel il-kumplament ta' l-agenda.

6.63. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.64. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok E, F u G)**

10.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr li l-kont ta' Philip Seguna vis-a-vis l-iskips ghandu jithallas kif diskuss fil-laqgha precedenti u mhux kif rakkomandat mill-CM u li l-kont tal-CM ghandu jizdied biex jirrifletti dan.

10.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob estenzjoni lill-kumpanija ta' l-assigurazzjoni biex f'kaz ta' xi accident, ikunu koperti wkoll il-personal belongings tal-membri tal-Kunsill u staff waqt li jkunu fuq il-post tax-xoghol.

10.06. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

***10.08. Fis-7.00pm, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

## 06. Korrispondenza.

**46/6614/12/I** 12/09/2012 Kwotazzjoni minghand Eworld ghal HP Officejet Pro 8600 fax, scanner u printer ghall-prezz ta' €325 inkluz il-VAT.

**46/6617/12/I** 12/09/2012 Kwotazzjoni minghand Scan Malta ghal HP Officejet 6700 fax, scanner u printer ghall-prezz ta' €210.68 inkluz il-VAT.

**46/6639/12/I** 14/09/2012 Kwotazzjoni minghand Alfa ghal Brother fax, scanner u printer ghall-prezz ta' €306 inkluz il-VAT.

6.65. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li dawn jintbaghtu lill-membri tal-Kunsill ghall-verifika qabel tittiehed decizjoni.

6.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6614/12/I, 46/6617/12/I u 46/6639/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li sa l-1 t'Ottubru 2012, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jinghata struzzjonijiet liema ser jixtri.

6.67. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.68. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6637/12/I** 14/092012 B'riferenza ghall-email li l-Kunsill ircieva minghand The Geminarie Group rigward seminar li ser jorganizzaw bejn il-5 u s-6 ta' Ottubru, informa lill-Kunsill li huwa ser jattendi u talab ill-Kunsill jistaqsi lill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat jekk tixtieqx tattendi hija ukoll.

6.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6637/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.70. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li fil-jiem li gejja ser tinforma lill-Kunsill jekk tkunx interessata li tippartecipa.

**46/6663/12/I** 17/09/2012 Email minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn talbet biex l-attivita' li saret ta' drifitng tkun diskussa waqt il-laqgha tal-Kunsill minhabba diversi lmenti li kellha.

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6663/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill joggezzjona ma' l-organizzaturi ghall-hsejjes esegerati li kien hemm waqt l-attivita' kif ukoll ghall-inkonvenjent kbir mahluq lir-residenti.

6.72. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.73. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6709/12/I** 18/09/2012 Email minghand Lara Calleja fejn talbet biex il-Hamis 20 ta' Settembru ma tiftahx il-librerija.

6.74. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6709/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din it-talba.

6.75. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.76. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6726/12/I** 18/09/2012 Sentenza tal-Qorti dwar il-kaz Alternative Technologies kontra l-Kunsill Lokali Pembroke.

6.77. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6726/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li li l-Kunsill ghandu jappella minn din is-sentenza.

6.78. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.79. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li bhalissa l-Kumitat Regjonali qed jaghmel l-intervisti biex jigi mahtur Segretarju Ezekuttiv.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda komunikazzjoni.

## 09. Kwotazzjoni 30/2011.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li din l-item ma jigix diskuss.

9.02. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Materji ohra.

11.01. Is-Sindku jinforma lill-Kunsill li fil-laqgha tar-regjun gab ghall-attenzjoni tal-Kumitat u l-AO li l-Gwardjan Lokali qed jaghmlu citazzjonijiet bla sens quddiem Triq San Gorg Preca propja ma' l-istrippa tal-bankina. Il-kelliem qal l'ipprezenta ritratti l'ircievew in-nies u kien hemm qbil li dan mhux suppost li saru tant li l-Kummissarju diga hassar xi citazzjonijiet li saru fl-istess post ghax jinhargu (parkjar f'post ipprojbit) meta ma hemm xejn x'jindika dan. Il-kelliem qal li gie mitlub biex il-Kunsill ta' Pembroke jaghmel il-linji sewwa halli ma jibqghux jinhargu tickets ta' xejn u ghalhekk ippropona biex il-Kunsill izid (kif talbu in-nies) zewg kaxxi ta' parkegg u bicca linja safra fit-tarf.

11.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jorganizza zjara Edukattiva li tinkludi zjara Xorb l-Ghagin / Tas-Silg. Il-kelliema qalet li dettalji jithabbru aktar il-quddiem.

11.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li fil-gimghat li gejja l-Kunsill ghandu jorganizza esebizzjoni ta' crafts ta' l-injam. Il-kelliema qalet li dettalji jithabbru aktar il-quddiem.

11.08. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.10. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona biex fl-ahhar tax-xahar ta' Ottubru jinzerghu aktar sigar taz-zebbug flok dawk li mietu fl-istess post fil-gnien ta' St. Patricks u ohrajn

skond il-parir li jista' jinghata l-Kunsill minghand is-sur Charles Mifsud (li joffri s-servizz tal-Bulky Refuse) li l-Kunsill jaf li huwa bidwi u gardinar ukoll.

11.11. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.13. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li t-tabelli li twahhlu li ma jistax isir tipjip fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta kienu gew vandalizzata. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kienet saret talba biex il-Kunsill fi Triq ANZAC in-naha ta' l-Australia Hall isir double yellow line minhabba li meta jkun hemm il-loghob il-Luxol, ma jithalliex spazju biex jghaddu l-vetturi u dan wara lmenti li rcieva minn residenti.

11.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li s-suggeriment mressqa mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandhom jigu approvati.

11.15. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.17. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsill gwidi cari rigward il-hrug ta' permessi ghall-BBQ.

11.18. Wara diskussjoni, l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu japprova biss talbiet biex isiru attivitajiet simili quddiem l-ITS fl-akwati tat-Torri tal-Madliena u ghandu jintuza biss BBQ tal-gass.

11.19. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-Kunsill ghandu jitlob lill-kuntrattur biex isir tindif biswit it-torri kif ukoll rapport lill-MTA dwar id-dawl tat-torri.

11.22. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li titwahhal lampa tad-dawl fi Trejqet Antoine De Favray madwar Blokk 2.

11.23. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.25. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinbidel lampa li hemm miksura mal-Kullegg Santa Klara (Sir Adrian Dingli) u ohra li hemm mal-garaxx tad-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni.

11.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex it-triq li hemm mill-kamra tad-dawl l'isfel issir One Way l-isfel u li t-tabella re road humps fi Triq il-Mediterran ghandha tinkixef ghax mohbija bil-haxix.

11.29. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.31. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess ta' TM biex issir zebra crossing fi Triq il-Profs Walter Ganado faccata ta' Blokk 5 fejn hemm il-Bus Stop ta' l-Arriva.

11.32. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

11.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.34. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-mera li hemm fi Triq Falaise faccata ta' Triq Jum Pembroke hija miksura.

11.35. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li din il-mera ghandha tigi rrangata.

11.36. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

11.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.38. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess ta' TM biex isir double yellow lines f'Wesghet ix-Xelter.

11.39. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.41. Il-Kunsillier Joe Brincat irrimarka li l-konkos li sar taht il-litter bins fi Triq il-Mediterran huma perikoluza.

11.42. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li kien ser juri lis-sur Chris Costa kif dawn jistghu jigu rrangata.

11.43. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li l-ewwel parking fi Triq Patri Serafin Zarb in-naha tad-dahla minn Triq Alamein ghandu jsir ghall-muturi minhabba li t-trakk tal-gbir ta' l-iskart ibati biex idur kif ukoll li l-ismijiet tat-toroq fl-istess triq ghandu jinzlu aktar l-isfel lejn Triq Alamein.

11.44. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.46. Il-Kunsillier Joe Brincat irrimarka li fil-lokal tezisti problema dwar karozzi minghajr licenzja jew abbandunati, u staqsa x'jista' jsir.

11.47. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-problema hija li t-towing ta' karozzi abbandunati hija f'idejn il-Pulizija u dawn m'ghandhomx rizorsi bizzejjed. Il-kelliem irrimarka li xi 8 snin ilu kien hemm legal notice li twaqfet u ghalhekk issa ftit li xejn hemm x'jista' jsir.

11.48. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill, li l-Kunsill wasal ilment li fi Triq Dun Amabile Sisner hemm numru ta' djar li ghandhom ir-rampi tal-hadid kollha msadda u perikoluza apparti li hemm minnhom li huma l-barra.

11.49. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien ser jikkomunika mal-persuni koncernata biex tigi solvuta l-problema.

11.50. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li jitnehhew il-covers li hemm quddiem il-lampi tad-dawl fi Triq Giuseppe M. Letard.

11.51. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.53. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-basktijiet tax-xoqqa li kien ordna lill-Kunsill minghand il-kumpanija Vancell Photography, il-Kunsill gie nfurmat li minhabba li ghadda hafna zmien mhux possibbli li jsiru bl-istess prezz. (6465)

11.54. Wara diskussjoni, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill imur ghat-tieni offerta li kien hemm.

11.55. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

11.56. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.57. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienet qed issir claim mal-kumpanija ta' l-assigurazzjoni minhabba li l-Kunsill garrab hsarat f'xi IT Equipment bil-maltemp li kien sar.(6477)

11.58. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet lis-Sindku Joe Zammit min kien ser jirrapprezenta lill-Kunsill fil-laqgha li jmiss barra minn Malta fuq il-progett MEDSTRATEGY u dan fid-dawl li s'issa hija ma kienetx ikkonsultata u / jew infurmata biex tattendi u dan fid-dawl li fil-passat hija kienet diga attendiet darbtejn mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

11.59. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li wara dak li qed tirreferi ghalih kien tressaq quddiem il-Kunsill u l-Kunsill kien approva mozzjoni fejn it-3 membri tal-Kunsill, il-Vici Sindku, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u il-Kunsillier Joe Brincat ghandhom ikunu responsabbli mit-3 progetti li ghandu il-Kunsill. Il-kelliem irrimarka li responsabbli minn dan ilprogett, f'dan il-kaz hemm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn irrimarka li dan kien infurmah li ghall-MedStrategy kienu ser jattendu huwa (Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli) u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u dan fuq rakkomandazzjoni tal-PPCD Il-kelliem fakkar li l-Kunsill kien gie mcanfar mill-PPCD li l-Kunsill ma kinex qed jibghat lis-Segretarju Ezekuttiv ghal-laqghat meta huwa il-project leader tat-3 progetti.

11.60. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fis-7.45pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |